

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-493 SESSJONI PLENARJA TAS-16 U S-17 TA' OTTUBRU 2013

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Is-sehem tas-settur privat fil-qafas tal-iżvilupp għal wara l-2015" (Opinjoni esploratorja)

(2014/C 67/01)

Relatur: **is-Sur VOLEŠ**

Fittra tad-19 ta' April 2013 mill-Kummissarju Šefčovič, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jħejji opinjoni esploratorja dwar

Is-sehem tas-settur privat fil-qafas tal-iżvilupp għal wara l-2015

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-25 ta' Settembru 2013.

Matul l-493 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Ottubru 2013 (seduta tas-16 ta' Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'100 vot favur, 2 voti kontra u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**1.1 Tisħiħ tal-pożizzjoni tas-settur privat fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp**

1.1.1 Is-settur privat jista' jaqdi rwol essenzjali fil-għieda kontra l-faqar fid-dinja, għax joħloq l-impjeg, jipproduċi l-ġid u s-servizzi, jiġġenera d-dħul u l-benefiċċji u, permezz tat-taxxi li jħallas, jikkontribwixxi biex jiġu koperti l-ispejjeż pubbliċi, bil-kundizzjoni li jirrispetta l-prinċipji tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp rikonoxxuti fil-livell internazzjonali u li l-impjegji li jinħolqu jkunu diċenti u skont l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO.

1.1.2 Il-Kumitat jitlob li s-settur privat jipparteċipa ħafna aktar fil-programm ta' żvilupp għal wara l-2015 u fis-sħubija dinjija ġdida. Is-sehem tas-settur privat fit-tfassil tal-għanijiet maħsubin għall-qerda tal-faqar u biex niksbu żvilupp sostenibbli u tkabbir ġust u inklużiv li jqis kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità, ser iwassal biex dan is-settur jerfa' l-parti ta' responsabbiltà tiegħu fit-twettiq ta' dawn l-għanijiet.

1.1.3 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinnutaw mhux biss il-vantaġġi iżda anke r-riskji marbutin mal-azzjoni tas-settur

privat: huwa għalhekk li l-għajnuna mis-settur privat fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tkun imsejsa fuq il-prinċipji ta' trasparenza, tal-ftuħ tal-akkwist pubbliku, tal-effiċjenza, tal-effikaċja tar-riżorsi investiti u tar-responsabbiltà tal-korpi pubbliċi lejn il-partijiet interessati għall-implimentazzjoni tal-istrategġija ta' żvilupp adottata. Il-parti totali li qed tikber li qed tieħu l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp iddedikata għall-iżvilupp tas-settur privat m'għandhiex tnaqqas ir-riżorsi finanzjarji li jingħataw fil-qafas tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-aktar foqra.

1.2 Inħeġġu lis-settur privat għall-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp

1.2.1 F'din l-opinjoni, is-settur privat jinkludi wkoll is-settur soċjali, huwa magħmul minn ħaddiema indipendenti, mikrointrapriżi, negozji żgħar u ta' daqs medju, kumpaniji multinazzjonali kbar, kooperattivi u intrapriżi oħrajn tal-ekonomija soċjali, u jinkludi lill-ħaddiema tal-intrapriżi privati u l-organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jikkooperaw fi proġetti privati. L-għajnuna lis-settur

privat u l-kooperazzjoni ma' dan is-settur għandhom iqisu n-natura differenti ta' kull parti interessata. Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jeżisti wkoll settur privat informali kbir u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha tikkontribwixxi għall-għieda kontra l-impjieg informali kif ukoll is-sitwazzjonijiet li jħeġġuh.

1.2.2 Is-soċjetà ċivili għandha tkun involuta attivament fid-proċess tad-definizzjoni tar-rwol tas-settur privat u t-twaqqif ta' indikaturi tal-kontribut ta' dan tal-aħħar għall-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp; il-ħolqien ta' pjattaforma wiesgħa fil-livell Ewropew għandha tgħin f'dan ir-rigward, anke bis-sehem tal-partijiet interessati kollha.

1.2.3 L-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp għandha tintuża bħala fattur multiplikatur biex il-kapital privat jingħaqad mal-investimenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi. Għaldaqstant l-għajnuna mogħtija tista' tingħata għanijiet definiti b'mod ċar, bħall-ħolqien ta' aktar impjegi ta' kwalità, iż-żieda fil-kwalità tal-produzzjoni, it-trasferiment tal-għarfien dwar il-ġestjoni għas-settur privat, eċċ.

1.2.4 Is-sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat jistgħu jsiru strument essenzjali għat-twettiq tal-istrategġiji ta' żvilupp, sakemm jiġi żgurat minn qabel li l-ammont ikun korrett u li jkun hemm komunikazzjoni tajba mal-partijiet interessati.

1.3 Appoġġ għall-ħolqien ta' ambjent intraprenditorjali favorevoli

1.3.1 Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex is-settur privat ikun jista' jaqdi r-rwol tiegħu fl-iżvilupp, jeħtieġ ambjent intraprenditorjali favorevoli li jinkludi r-rispett tal-prinċipji tad-demokrazzija rikonoxxuti b'mod ġenerali, li jiffaċilita l-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi, inaqas il-burokrazzija, isaħħaħ it-trasparenza, iwaqqaf il-korruzzjoni omnipreżenti u jħeġġeġ l-investituri barranin u lokali.

1.3.2 Ir-responsabbiltà soċjali tal-intrapriżi għandha tkun inizjattiva volontarja tal-intrapriżi u s-sħubija tagħhom fintraprenditorja etika. Għandu jiġi propost qafas definit sew għar-responsabbiltà soċjali tal-intrapriżi fil-qasam tal-iżvilupp, b'rispett tal-linji gwida tal-OECD għall-intrapriżi multinazzjonali (*OECD Guidelines for Multinational Enterprises*), u prinċipji oħrajn rikonoxxuti mad-dinja.

1.3.3 Waqt li jkun qed joħloq impjegi ġodda, is-settur privat għandu jirrispetta d-drittijiet ekonomiċi u soċjali fundamentali, speċjalment il-konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO). Il-ħolqien ta' dawn l-impjegi ġodda għandu jkun konformi mal-Aġenda għal Xogħol Diċenti tal-ILO.

1.4 Inħeġġu l-potenzjal ta' innovazzjoni tal-intrapriżi għall-iżvilupp

1.4.1 Il-programmi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-amministrazzjoni tal-Istat fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jittfasslu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali u l-NGOs ikkonċernati li huma impenjati fl-għajnuna għall-iżvilupp, u jaqbel li jittejbu l-kundizzjonijiet li fihom in-negozji żgħar u medji b'mod speċjali jeżerċitaw l-attivajiet tagħhom, għax huma dawn li għandhom l-ikbar potenzjal għall-ħolqien tal-impjegi u għat-tnaqqis tal-faqar.

1.4.2 Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-organizzazzjonijiet tal-intraprendituri għandhom b'żonn jiksibu ħliet biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw influwenza pożittiva fuq l-ambjent intraprenditorjali. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom għandu jiġi appoġġjat, filwaqt li jsir użu mill-kontribut attiv ta' organizzazzjonijiet sħab fil-pajjiżi żviluppanti. Il-programmi Ewropej tal-għajnuna esterna għalhekk għandhom jiffinanzjaw ukoll l-għajnuna teknika li l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-intraprendituri jipprovdut lill-imsieħba tagħhom fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jżidu l-motivazzjoni tagħhom.

1.4.3 L-għajnuna għall-iżvilupp għandha tappoġġja wkoll il-proġetti innovattivi u l-mudelli ta' intrapriżi li jiffavorixxu l-inklużjoni, inkluż l-appoġġ għal soċjetà bla ostakli, għax dan jgħin biex jinqed il-faqar ta' gruppi ta' ċittadini fir-riskju, bħall-persuni b'diżabbiltà, in-nisa, il-persuni mdaħħlin fl-età, eċċ.

1.4.4 Hemm lok biex tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni tas-settur privat mal-NGOs, billi, pereżempju, jintużaw il-volontarji biex l-għarfien jiġi trasferit lill-intrapriżi lokali fl-oqsma tal-ġestjoni, tat-teknoloġiji, eċċ. Il-proġetti ta' intrapriżi innovattivi li jirnexxu ħafna jistħoqqilhom aktar pubbliċità u anke li din tkun sistematika.

1.4.5 L-iżvilupp tas-settur privat jeħtieġ li jiġu appoġġjati aktar it-taħriġ u l-kisba tal-għarfien tat-teknoloġiji essenzjali, speċjalment għal dawk il-ħaddiema bi kwalifiki baxxi.

1.4.6 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-programm Erasmus għaż-żgħażaġħ intraprendituri jitwessa' għal persuni interessati li jkunu ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew li jinħoloq programm b'għanijiet simili u li jingħatawlu l-mezzi finanzjarji neċessarji.

1.4.7 Għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-settur tal-industrija tal-estrazzjoni u tal-materja prima fejn għandhom jiġu applikati b'mod strett ir-reqwiziti fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, il-kundizzjonijiet soċjali tal-ħaddiema u s-sostenibbiltà tal-iżvilupp ekonomiku tal-Istat.

1.4.8 Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw sikwit ma jkollhomx strategġiji għall-iżvilupp tan-negozji żgħar u ta' daqs medju; għaldaqstant, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha tikkontribwixxi aħjar biex dan in-nuqqas jitranġa. L-esperjenza miksuba fl-Ewropa fil-qasam tal-għajnuna għan-negozji żgħar u ta' daqs medju għandha tingħadda lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'mod immirat u pertinenti.

2. Punti ewlenin tal-Opinjoni

2.1 Is-Sur Šeċovič, Kummissarju Ewropew, indirizza ittra lill-President tal-KESE, li fiha jgħid li l-Kummissjoni qed tħejji xi proposti maħsubin biex is-settur privat jiġi involut aktar fis-sħubija dinjija għall-iżvilupp għal wara l-2015 u għaldaqstant talab li l-Kumitat iħejji Opinjoni esploratorja dwar ir-rwol tas-settur privat sabiex sadanittant jiddied ir-ritmu tal-iżvilupp intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li bħalissa qed jiġi diskuss fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti.

2.2 Fl-Opinjoni tiegħu REX/372 ⁽¹⁾ dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ħajja diċenti għal kulħadd: Neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli", il-KESE adotta sensiela ta' rakkomandazzjonijiet biex is-soċjetà ċivili tiġi involuta fit-tweqqiq u s-segwitu tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli għal wara l-2015 fil-livell dinji.

2.3 Fil-qafas tal-Opinjoni tiegħu ⁽²⁾, il-Kumitat ilu żmien jiddedika għadd ta' ħidmiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp u għall-kooperazzjoni esterna, u kiseb bosta esperjenzi u għarfien konkreti permezz tal-inizjattivi tiegħu stess dwar il-kwistjonijiet tal-pajjiżi AKP, il-Euromed, is-Sħubija tal-Lvant, in-negozjati kummerċjali internazzjonali u oqsmha oħrajn b'rabta mal-problemi ta' żvilupp. Il-Kumitat għamel użu sħiħ minn dan il-korp ta' għarfien fit-tfassil ta' din l-Opinjoni.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Is-settur privat jista' jaqdi rwol essenzjali fil-ġlieda kontra l-faqar fid-dinja, għax joħloq l-impjieg, jipproduċi l-ġid u s-servizzi, jiġġenera d-dħul u l-benefiċċji u, permezz tat-taxxi li jħallas, jikkontribwixxi biex jiġu koperti l-ispejjeż pubbliċi, bil-kundizzjoni li jirrispetta l-prinċipji tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp rikonnoxxuti fil-livell internazzjonali. Anke wara l-2015, l-għanjuna uffiċjali għall-iżvilupp ser tibqa' xprun importanti tal-iżvilupp, iżda waħidha mhux ser tkun biżżejjed biex jinqered il-faqar ⁽³⁾.

3.2 L-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju kellhom bżonn ta' definizzjoni aktar ċara tal-mod kif dawn setgħu jintlaħqu. Kien hemm nuqqas ta' konnessjonijiet reċiproċi u ma qisux ir-rwol tas-settur privat fil-iżvilupp ⁽⁴⁾. Hemm bżonn li s-settur privat jiġi involut ħafna aktar fil-qafas futur tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għal wara l-2015 bħala msieħeb strateġiku u xprun ta' tkabbir sostenibbli għat-tliet pilastri li jostnu lil dan it-tkabbir: l-ewwel pilastru ekonomiku, it-tieni wieħed soċjali u t-tielet wieħed ambjentali, u li huma bbażati fuq indikaturi mhux biss kwantitattivi, iżda anke kwalitattivi.

3.3 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ⁽⁵⁾ jiġbdu l-attenzjoni kemm fuq il-vantaġġi kif ukoll ir-riskji tas-sehem tas-settur privat fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Sabiex jitneħħew dawn ir-riskji, hemm bżonn li l-għanjuna lis-settur privat permezz

tar-riżorsi mogħtija għall-iżvilupp tirrispetta l-prinċipji ta' trasparenza, effiċjenza, effikaċja tar-riżorsi investiti, tal-ftuħ tal-akkwist pubbliku u tar-responsabbiltà tal-korpi pubbliċi lejn l-atturi kollha milquta mit-tweqqiq tal-istrateġija ta' żvilupp adottata.

3.4 Is-settur privat iħaddan ħaddiema indipendenti, mikrointrapriżi, negozji żgħar u ta' daqs medju, kumpaniji multinazzjonali kbar, kooperattivi u intrapriżi oħrajn tal-ekonomija soċjali, u istituzzjonijiet finanzjarji. Jekk nieħdu t-terminu 'settur privat' fit-tifsira wiesgħa tiegħu, l-impjegati tal-kumpaniji privati u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jieħdu sehem fi proġetti privati wkoll jaġhmlu parti minn dan is-settur. Minbarra l-intrapriżi privati li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeżisti wkoll settur privat informali vast. Meta tingħata l-għanjuna għall-iżvilupp, jaqbel li ssir differenza bejn kull waħda minn dawn l-entitajiet privati u l-effetti tal-attivitajiet tagħhom fuq l-iżvilupp, skont id-daqs tagħhom, il-qasam ta' attività tagħhom u l-livell ta' żvilupp tal-Istat ikkonċernat (Stat inqas żviluppat, żviluppat sa livell medju, li qed jiżviluppa jew saħansitra vulnerabbli).

3.5 Is-settur privat, flimkien mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, għandu jieħu sehem fid-definizzjoni tal-ħtiġijiet għal dak li għandu x'jaqşam mal-iżvilupp f'kull Stat, u jikkontribwixxi għat-twaqqif ta' għanijiet ġodda ta' żvilupp sostenibbli għal wara l-2015, sabiex iġorr il-parti ta' responsabbiltà tiegħu fil-kisba tagħhom. Dawn l-għanijiet għandhom ikunu marbutin mat-titwil tal-għanijiet ta' żvilupp tal-millennju, għandhom ikunu konkreti u li jistgħu jitkejlu u jinkludu l-oqsmha tal-irma, il-biedja, is-sigurtà tal-ikel, l-enerġija, l-infrastruttura tat-trasport, l-edukazzjoni, is-settur tas-saħħa, l-ekonomija diġitali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ugwaljanza soċjali.

3.6 Is-settur privat għandu jiġi rikonnoxxut bħala element konstitutiv essenzjali tas-sħubija dinjija ġdida għall-iżvilupp. Għandha tinħoloq pjattaforma li tgħaqqad flimkien lir-rappreżentanti tal-intraprendituri u lill-impjegaturi Ewropej li tkun miftuħa wkoll għal partijiet interessati oħra, anke r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili sabiex isir dibattitu mar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet Ewropej u finanzjarji dwar il-parteċipazzjoni tas-settur privat fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp.

3.7 Is-settur privat tal-Istati donaturi jieħu sehem fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp bħala fornitur tas-servizzi u ta' tagħmir imħallsin mill-għanjuna uffiċjali għall-iżvilupp, bħala fornitur dirett tal-għanjuna għall-iżvilupp għal raġunijiet filantropiċi, fil-qafas ta' proġetti komuni mas-settur pubbliku u organizzazzjonijiet mhux governattivi, kif ukoll bħala investitur fil-proġetti li, minbarra l-interess għall-intrapriża, għandhom ukoll effetti sinifikanti fuq l-iżvilupp. Ikun tajeb li l-ewwel u qabel kolloxx jiġu appoġġjati l-proġetti li jimmiraw għall-innovazzjoni permezz tat-twaqqif ta' kapaċitajiet ta' innovazzjoni, servizzi ta' konsulenza, inkubaturi tan-negozju u ferġat ta' intrapriżi fil-pajjiżi benefiċjarji. L-akkwist pubbliku għall-proġetti ta' żvilupp għandu jkun trasparenti u miftuħ.

3.8 Il-kontribut tas-settur privat għall-iżvilupp għandu wkoll jinkludi l-appoġġ għal soċjetà mingħajr ostakli, għax din tgħin biex jinqered il-faqar fost il-gruppi ta' ċittadini li jinsabu fir-riskju, bħall-persuni b'diżabbiltà, in-nisa, l-anzjani, jew il-persuni

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar: Ħajja diċenti għal kulħadd: Neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli ĠU C 271, 19.9.2013, p. 144–150.

⁽²⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar: L-istrateġija Konġunta UE-Afrika (2009) ĠU C 77, 31.3.2009, p. 148–156, Il-kummerċ u s-sigurtà alimentari (2010) ĠU C 255, 22.9.2010, p. 1–9, Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (2012) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 82–88, Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-iżvilupp: Aġenda għall-Bidla / L-approċċ futur għall-appoġġ baġitarju tal-UE għal pajjiżi terzi (2012) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 133–139, Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-politiki tal-iżvilupp tal-UE (2012) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 28–34, u Il-protezzjoni soċjali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea (2013) (għad mhix ippubblikata fil-ĠU).

⁽³⁾ Huma biss ftit pajjiżi żviluppati li laħqu jew qabżu l-għan miftiehem li jaġhtu 0,7 % tal-Prodott Domestiku Gross tagħhom lill-għanjuna uffiċjali għall-iżvilupp.

⁽⁴⁾ "Preliminary Perspectives for the Post-2015 Development Agenda", Frar 2013.

⁽⁵⁾ Konfederazzjoni internazzjonali tat-trejdjunjins: <http://www.ituc-csi.org>, Concord: <http://www.concordeurope.org>, Kumitat tad-donaturi għall-iżvilupp tal-intrapriżi: <http://www.enterprise-development.org/page/french>.

li huma temporanjament imweġġa'. F'dan ir-rigward, il-ftehim-qafas dwar is-suq tax-xogħol inklużiv konkluż mill-imsieħba soċjali Ewropej f'Marzu 2010 jista' jservi ta' ispirazzjoni biex din l-esiġenza tiġi integrata fil-qafas futur tal-iżvilupp.

3.9 Is-settur privat fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeħtieġ għaj-nuna sistematika sabiex ikun jista' jaqdi r-rwol tiegħu fl-iżvilupp. Huwa għalhekk li qed tiżdied il-parti tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp iddedikata għall-iżvilupp tas-settur privat. Madankollu dan il-progress m'għandux isir għad-detriment tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp ipprovduta lill-pajjiżi inqas żviluppanti, li mingħajrha dawn ma jistgħux isolvu l-problemi l-aktar urġenti tagħhom.

3.10 L-investimenti privati tal-kumpaniji multinazzjonali kbar fi proġetti li jkunu ta' interess għall-iżvilupp huma opportunità biex fit-tweġiq tagħhom jiġu involuti l-SMEs lokali, li jeżistu diġà jew għodda, sabiex dawn, permezz tal-kooperazzjoni mal-imsieħba tal-pajjiżi żviluppanti, ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet tekniċi u jkollhom aċċess għat-teknoloġiji avvanzati adegwati. L-intrapriżi multinazzjonali għandhom jirrispettaw il-prinċipji rikonoxxuti min-NU, l-OECD u l-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħrajn ⁽⁶⁾.

3.11 Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fil-bqija tad-dinja, l-SMEs jikkostitwixxu l-potenzjal prinċipali għall-iżvilupp, u l-mikrokrediti u s-self sussidjat mill-istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali tal-finanzjament tal-iżvilupp għandhom jikkontribwixxu biex jinħeles dan il-potenzjal. Barra minn hekk, it-trasferimenti tat-tfaddil u ta' mezzi finanzjarji oħrajn tal-emigranti huma sors importanti ta' investiment u hemm b'żonn li dawn jitħeġġu jorjentawhom aktar lejn il-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-Istat ikkonċernat.

3.12 Il-Kumitat jinsab sodisfatt bl-ideat li tesprimi l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "Lil hinn mill-2015: lejn approċċ komprensiv u integrat għall-finanzjament tal-qerda tal-faqar u tal-iżvilupp sostenibbli" ⁽⁷⁾ u jitlob li s-settur privat u s-soċjetà ċivili organizzata jiġu involuti fid-dibattitu propost dwar l-approċċ integrat tal-finanzjament.

3.13 L-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp għandha tintuża bħala fattur multiplikatur biex il-kapital privat jingħaqad mal-investimenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-istrumenti ta' innovazzjoni bħall-"blending" (fejn jingħaqdu flimkien ir-riżorsi), il-varji mekkaniżmi ta' garanzija u r-rati ta' interess imnaqqsa għandhom iservu proprju għal hekk. Fil-kalkolu tat-total tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp għandhom jitqiesu l-garanziji tal-Istat għall-investimenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għaldaqstant l-għajnuna mogħtija lill-kapital privat tista' tintrabat ma' kundizzjonijiet u indikaturi definiti b'mod ċar li jqisu n-natura sostenibbli tal-iżvilupp, il-ħarsien tal-ambjent, l-ekonomija ekoloġika, il-ħolqien tal-impjieg, iż-żieda fil-kwalità tal-produzzjoni, it-trasferiment tal-għarfien dwar il-ġestjoni għas-settur privat, eċċ.

⁽⁶⁾ Il-prinċipji ewlenin tan-NU dwar l-intrapriżi u d-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ewlenin tal-OECD dwar l-intrapriżi multinazzjonali, l-inizjattiva għat-trasparenza fl-industrija estrattivi, il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affetwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli.

⁽⁷⁾ COM(2013) 531 final tas-16 ta' Lulju 2013.

3.14 L-investimenti għandhom jiġu orjentati aktar lejn it-tisliħ tas-setturi tas-servizzi bħas-settur bankarju, l-assigurazzjonijiet, is-servizzi ta' telekomunikazzjoni, it-trasport u s-servizzi l-oħra li jgħinu lill-intrapriżi, u li mingħajrhom l-industrija u l-biedja ma jistgħux jiżviluppaw b'mod tajjeb. F'dan ir-rigward, l-Istat irid jissorvelja l-kompetizzjoni u jiżgura l-protezzjoni adegwata tal-investimenti.

3.15 Is-shubbijiet bejn is-setturi pubbliċi u privati jistgħu jsiru strument essenzjali għat-tweġiq tal-istrateġiji ta' żvilupp, għax huma jgħaqqdu l-mekkaniżmu ta' sussidji tal-fondi pubbliċi u l-inizjattivi ta' investiment privati biex iwiegħu għall-ħtiġijiet ta' żvilupp tal-benefiċjarji finali. Is-suċċess ta' dawn il-proġetti jitlob informazzjoni trasparenti u komunikazzjoni miftuħa mal-partijiet interessati.

4. Appoġġ għall-ħolqien ta' ambjent intraprenditorjali favorevoli

4.1 Fil-pajjiżi benefiċjarji li qed jiżviluppaw, hemm b'żonn ta' għadd ta' kundizzjonijiet fundamentali biex is-settur privat ikun jista' jeżisti u jwettaq sewwa l-attivitajiet tiegħu sabiex jaqdi r-rwol tiegħu fl-iżvilupp. Għalhekk il-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha tkun orjentata aktar lejn it-titjib permanenti tal-ambjent intraprenditorjali, li jiffaċilita l-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi, inaqqas il-burokrazija, isaħħaħ it-trasparenza u b'hekk iwaqqaf il-korruzzjoni omnipreżenti. L-affermazzjoni tal-istat tad-dritt tistimola lill-investituri barranin u lokali u tikkontrobwixxi għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji lokali.

4.2 Il-ħolqien ta' ambjent intraprenditorjali b'saħħtu għandu jistrieħ fuq il-mekkaniżmi tas-suq, inklużi l-kompetizzjoni ekonomika, swieq finanzjarji li jimxu tajjeb, l-indipendenza tal-qrati, l-applikazzjoni mifruxa tal-liġijiet fis-seħħ, speċjalment fil-qasam kummerċjali, ir-rispett tar-regoli tal-kummerċ internazzjonali u r-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Ikun tajjeb li nirrispettaw il-kulturi lokali b'mod li ma jxekklu l-kompetizzjoni ekonomika u fejn ma jwasslux għall-korruzzjoni u għal distribuzzjoni mill-ġdid sterili tal-fondi.

4.3 Ir-responsabbiltà soċjali tal-intrapriżi fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha tkun inizjattiva volontarja tal-intrapriżi u s-shubbija tagħhom f'intraprenditorja etika. L-intrapriżi jagħżlu huma stess, fil-qafas fundamentali tal-prinċipji rikonoxxuti fil-livell dinji ⁽⁸⁾, id-dispożizzjonijiet li huma adegwati għall-attività ekonomika tagħhom. Id-definizzjoni ta' dan il-qafas ser twassal għall-garanzija ta' kompetizzjoni ġusta mal-intrapriżi l-oħrajn tas-settur.

4.4 Is-settur privat joħloq impjieg u jista' wkoll jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar; madankollu hemm b'żonn li fl-istess ħin jirrispetta d-drittijiet ekonomiċi u soċjali fundamentali. Hemm b'żonn jiġu applikati b'mod strett il-konvenzjonijiet prinċipali tal-ILO (il-libertà ta' shubbija f'unione u ta' negozjati kollettivi, il-projbizzjoni tax-xogħol furzat, ix-xogħol tat-tfal u kull tip ta' diskriminazzjoni fil-qasam tax-xogħol).

⁽⁸⁾ Pereżempju: l-istandard ISO 26000, l-inizjattiva tan-NU dwar is-sitt prinċipji għall-investiment responsabbli.

4.5 L-impjegji ġodda għandhom jinħolqu b'konformità mal-Aġenda għal Xogħol Diċenti tal-ILO li tgħid li l-impjegji irid jintgħażel b'mod liberu, il-ħaddiem għandu jgawdi minn protezzjoni soċjali, l-impjegatur għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema, u li jrid ikun hemm djalogu soċjali. L-investituri kollha, speċjalment dawk li jirrikorru għal għajna pubblika għall-iżvilupp, għandhom jirrispettaw b'mod strett dawn il-prinċipji waqt l-implimentazzjoni tal-proġetti tagħhom u f'dan is-sens jinfluwenzaw lill-imsieħba tagħhom b'mod pożittiv.

4.6 Il-programmi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-amministrazzjoni tal-Istat fil-pajjiżi li jkunu qed jiżviluppaw għandhom isaħħu l-prinċipji tal-istat tad-dritt u jikkontribwixxu għat-titjib tal-ambjent tal-intrapriżi u biex ikabbru l-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-intrapriżi lokali. Dawn il-programmi għandhom jifasslu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali kif ukoll mal-NGOs ikkonċernati.

5. Kif is-settur privat jista' jiġi involut aħjar fl-iżvilupp

5.1 L-organizzazzjonijiet tal-intraprendituri bħall-kmamar tal-kummerċ, l-assoċjazzjonijiet u r-raggruppamenti professjonali, il-federazzjonijiet tal-impjegaturi u l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali tal-pajjiżi donaturi għandhom ikunu involuti attivament fil-programmi ta' għajna għas-settur privat tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw matul il-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-proġett. Għal dan hemm bżonn li jifassal programm li jappoġġja lill-organizzazzjonijiet lokali inkarigati li jirrappreżentaw lill-intrapriżi żgħar u medji u jippermettu lil dawn jiksibu l-esperjenza, speċjalment fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni, tal-integrazzjoni fil-katini tal-provvista, taċ-ċertifikazzjoni, tal-loġistika, eċċ.

5.2 Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-organizzazzjonijiet tal-intraprendituri għandhom bżonn jiksibu l-ħiliet biex itejbu l-ambjent intraprenditorjali, isaħħu t-tmexxija demokratika tal-qradi tagħhom, iġibu membri ġodda u jikkomunikaw attivament magħhom. L-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom għandu jiġi appoġġjat, filwaqt li jsir użu mill-kontribut attiv ta' organizzazzjonijiet sħab simili fl-UE. Il-programmi Ewropej tal-għajna esterna għalhekk għandhom jifinanzjaw ukoll l-għajna teknika li l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-intraprendituri jipprovdru lill-imsieħba tagħhom.

5.3 L-iżvilupp tas-settur privat għandu jinkludi programmi ta' taħriġ għall-intraprendituri, anke permezz ta' apprendistati

f'pajjiżi żvilupp. Il-Kumitat jirrakkomanda li tiġi studjata l-possibbiltà li l-programm Erasmus għaż-żgħażagħ intraprendituri jitwessa' għal persuni interessati li jkunu ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew li jinħolqu programm b'għanijiet simili u li jingħataw l-mezzi finanzjarji neċessarji.

5.4 Għandhom jiġu appoġġjati aktar it-taħriġ u l-iżvilupp tal-għarfien marbutin mat-teknoloġiji essenzzjali, speċjalment għall-ħaddiema bi kwalifiki baxxi. Il-bżonn ta' programmi ta' taħriġ professjonali ilu jinħass għal żmien twil u l-pajjiżi donaturi jagħtu prinċipalment boroż ta' studju għal edukazzjoni ogħla. Madankollu, fl-industrija u f'setturi oħrajn, is-settur privat għandu bżonn li l-ħaddiema jkollhom il-kompetenzi professjonali attwali li jinkisbu fil-qafas ta' tagħlim tradizzjonali, kif ukoll ċerti drawwiet tax-xogħol neċessarji meta persuna tkun impjegata minn investitur barrani jew minn intrapriża mħallta.

5.5 L-għajna għall-iżvilupp għandha tappoġġja l-ewwel lill-proġetti innovattivi u lill-mudelli ta' intrapriżi ġodda li jiffavorixxu l-inklużjoni, li joffru spazju kbir ta' kooperazzjoni tas-settur privat mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Hawn-hekk nistgħu nsemmu l-eżempju tal-istazzjonar ta' esperti volontarji li jgħinu l-iżvilupp tal-intrapriżi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw⁽⁹⁾. Ħaġa oħra li tista' tikkontribwixxi għall-iskambju reċiproku tal-esperjenzi tal-Istati Membri hija żieda fir-reklamar ta' proġetti intraprenditorjali innovattivi favur l-iżvilupp li kienu ta' suċċess.

5.6 Għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-settur tal-industrija tal-estrazzjoni u tal-materja prima. Il-proġetti ta' investiment għandhom iqisu l-isfidi bħall-ħarsien tal-ambjent, il-kundizzjonijiet soċjali tal-ħaddiema u s-sostenibbiltà tal-iżvilupp. Is-servizzi tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali tal-pajjiżi benefiċjarju għandhom jiddefinixxu qafas adegwat għal kull settur ta' attività u jaraw li dan jiġi rispettatt, speċjalment fil-qasam tal-konformità mal-obbligi fiskali. L-għajna għandha twassal biex jiġi adottat dan l-approċċ sistematiku, billi jiġu definiti regoli tajbin li jillimitaw il-piż amministrattiv eċċessiv u jipprevjenu l-firxa tal-korruzzjoni.

5.7 L-għajna għall-iżvilupp għandha tappoġġja biedja sostenibbli u lill-industriji lokali tal-ipproċessar sabiex jittejjeb l-ipproċessar tal-prodotti tal-ikel u tal-materja prima. Ikun tajjeb li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' assoċjazzjonijiet tal-bdiewa u ta' produtture żgħar li jipproċessaw il-prodotti agrikoli u li jintegrawhom fil-katini tal-provvista.

Brussell, 16 ta' Ottubru 2013

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropej
Henri MALOSSE

⁽⁹⁾ Ara pereżempju l-assoċjazzjoni ta' utilità pubblika Ex-Change: <http://www.ex-change.be>.